# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**72.** **15 ta' JANNAR 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IT-TAXXI

Ŭara li il Gvern ħanin li għandna ixxotta il Caxxa biex għamel ħafna torok militari, ħafna pixxaturi famusi u ħafna elettricità biex tidher actar ċara il miserja tagħna, kiegħed issa jħabbel rasu biex jara chif jagħsar xi ftit ta'l flus m'il bŭiet ġa b'iż-żejjed magħsurin tagħna. Għaddeŭlu it-taxxi chemm il darba minn ġo moħħu, iżda jaf li f'il pajjis haŭn għacs cbir u għalhecc ma riedx ijfakka dina il bomba f'dakka għaliex forsi baża li xi farca minnha tolkot il Palazz tiegħu. Għaldakstant berren minn haŭn u berren minn hemm fl-aħħar sab chif, billi ivvinta il ħlas ta's-sensji. Intom tafu bħali li illum għal cull ħaġa ta' xejn, biex tbiegħ l-ankas ħaġa trid b'il fors ijcolloc is-sensja; biss ŭieħed kabel ta' cull sensja chien ijħallas taxxa żgħira ta' sold biss. Meta raŭ li sensji f'il pajjis haŭn l-eluf ta'l eluf ħasbu biex fukhom joħolku taxxa u għalhecc barra m'is-sold żdied ix-xelin cull ŭaħda biex id-dħul ta'l ghelgul ta'l liri minn kattara jsir xmara seŭŭa.

Biss il Gvern sbalja f'żeŭġ ħŭejjeġ:— l-eŭŭel nett katt ma chellu joħlok dina it-taxxa bla ma jisma il leħen ta'l Cunsilieri li jirrappresentaŭ il poplu, ħalli jara jecc il poplu jiflaħx jitgħabba iżjed b'il madmad li għandu fuk għonku; u it-tieni ma chellux daŭna it-taxxi joħlokhom fuk spallejn il fkar biss, għaliex tista tgħid, li disgħin f'il mija ta's-sensji jħallsuhom huma.

Iżda il Gvern ma riedx jitniftes fuk din il ħaġa meta chien hemm il Cunsilieri f'il Cunsill għaliex chien jaf li daŭna jkumu bħal ħafna iljuni contra tiegħu, jictbu lill Ministru u jxeŭŭxu il poplu. Għaldakstant il Gvern approfitta ruħu m'il *astensjonismu* tagħhom, dac l-*astensjonismu* li tant ijgħollu sa'l ogħla sema certi gazzetti, u li chien tant iccundanna il cbir u għaref politicu Sigismondu Savona, u daħħal il-ligi ta's-sensji meta f'il Cunsill ħalleŭh ijgħassed ŭaħdu. Lil dic il-ligi ħalliha torkod għal ftit snin u issa f'dakka ŭera x'chien hemm maħżun ġo fiha; u ŭisk nibża li ŭara li jdarrina is-sensji b'ix-xelin jibda jżerżakhomlna b'it-tmintax irbigħi il ŭaħda bħal ma ġa għamel f'xi ħŭejjeġ.

Dina il ħsara giet meta il poplu dehirlu li bl-*astensjonismu* sejjer ijmur aħjar.

Issa il Gvern għandu hemm fuk il Cunsilieri u għalhecc kuddiemhom ma jiżżarġanx ijkankal il qŭestjoni ta't-taxxi ħalli daŭna ir-rappresentanti ta'l poplu ma jicxfulux għaŭaru u ma juruħx li il poplu għandu bżonn f'da'l mument min jerfgħu palata u m'hux ijgħabbih b'it-taxxi actar milli hu; iżda billi għandu il ħtieġa li joħlok żejża oħra x'ħa għamel?

Ried jagħmel taxxa fuk il verniċ, taxxa li minnha jiġbor miżerja f'is-sena iżda li tgħarrak l-industriji tagħna u taktgħilhom kalbhom. Biex ma jgibiex kuddiem il Cunsilieri lil din it-taxxa giebha b'*Order in Council* biex cullħadd ijcollu jok għod għaliha bla ma jista jħakkak fukha.

Dana ma hu xejn seŭŭa għaliex il flus ta'l poplu għandhom jintrefgħu u jintefku scond il bżonnijiet tiegħu u ma għandha katt issir taxxa kabel ma ir-rappresentanti tiegħu jaraŭ tasseŭ li hemm bżonnha.

Iżda il Gvern ma jridx dan; ijrid li jagħmel it-taxx-bla ma jisma il-leħen u il fehma ta'l poplu u jonfokhom scond il bżonnijiet militari ta'l gżira, u anche meta għal taparsi jcun kiegħed ijfittex il gid ta'l poplu bħal ma għamel fl-affari ta' daŭc l-ischejjel li cullħadd meta jarahom jifhem minnufih li huma mibnija għal żmien xi għŭerra.

Iżda tant il poplu chemm ucoll il Cunsilieri għandhom jiftħu għajnejhom seŭŭa fuk dina it-triek li beda biha jimxi il Gvern biex joħlok it-taxxi għaliex jecc jibka sejjer b'ix-

xejra ta'l *Orders in Council* għal cull ħaġa ta' xejn ijfakkarna fi żmien kasir ŭisk actar milli aħna sa jŭassalna bħal kasba tixxejjer ma'r-rieħ.

L'Onorevoli Dr: Pullicino ġa ressak interpellanza fuk it-taxxa ta'l verniċ u nitma li il Cunsilieri l-oħra jingħakdu miegħu għalenija biex ijħambku chemm jifilħu u b'chemm għandhom gargi contra dina ix-xita ta' taxxi żgħar li ħolok il Gvern contra dana l-imsejchen poplu magħsur ġa b'iz-żejjed; u li jibagħtu protesta kaŭŭija lil Ministru biex ijfeħmuh seŭŭa chif kiegħed jaħchimna il Gvern u għala għandna bżonn f'idejna il maġġjoranza; u ħalli b'hecc juru li huma tasseŭ kiegħdin b'il ħrara collha jakdu dmirhom u jaħdmu għal gid ta'l poplu bħal ma ŭiegħdu f'il programm tagħhom.

Meta ftit ilu f'in-« Naħla » għedtilcom li it-taxxi ŭaslu ma contx kiegħed nitkarrak għaliex ma chienux f'il bogħod.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**Fl-Inghilterra** kiegħed ijgħarrak lil fkar il ħafna gid li għandhom il għonja ta' hemm. F'dac il pajjis il ftit għandhom il gid actar m'il ħafna; u għalhecc ma genb sinjur li għandu il miljuni renta f'is-sena li lankas jaf biss x'jakbad jagħmel bihom, issib eluf ta' fkar li lankas ijsibu biex jitrejjku. Nofs il gid ta'l Inghilterra hu ta' xi ħamsa u għoxrin elf ruħ fosthom sebgħa u għoxrin Duca; in-nofs l-ieħor hu ta'n-nies ta'l pajjis collha, li jlaħħku ma'l erbgħin miljun. Id-Duca ta' Sutherland għandu biss tiegħu ma'l miljun u nofs *acres* art li jatuh ma'l mija u ħamsin elf lira f'is-sena. Id-Duca ta' Buccleuch għandu ma'n-nofs miljun *acres* li jatuh xi mitejn elf lira renta f'is-sena. Id-duchi Richmond, Devonshire, Hamilton, Atholl, Portland, Northumberland u Montrose għandhom actar minn mitt elf *acre* cull ŭieħed b'renta ta' actar minn għoxrin elf lira f'is-sena. Id-Duchi ta' Somerset, Strafford, Marlborough, Rutland, Roxburghe, Manchester, Newcastle, Leinster, Wellington u Abercorn għandhom collha ma'l ħamsin elf *acre* jeŭ ftit ankas.

Ħafna minn daŭna l-artijiet cbar għad ma humiex maħduma, għaliex billi daŭna il-lordi għandhom daŭna l-eluf ta' liri renta f'is-sena ma jokogħdux ijħabblu rashom biex ijħaddmu nies u għalhecc fl-Inghilterra hemm ħafna fakar u kgħad. Għalhecc il Ministru Lloyd George ijrid issa jagħmel taxxi kaŭŭija ħafna fuk l-artijiet ta' daŭna il Lordi, għaliex jidhirlu li min għandu *ħafna* għandu jħallas *ħafna* għal pajjis; u li meta il-lordi jcunu magħfusin b'taxxi cbar ijcollhom ijħaddmu l-artijiet li għandhom kiegħda u b'hecc joħolku il ħobż lil ħafna nies. B'hecc daŭc il ħafna miljuni collha li l-Inghilterra għandha bżonn biex tista tibni ħafna *Dreadnaughts* ħalli tcun tista tħabbatha ma'l Germanja il Ministru Lloyd George ma jridx joħlokhom minn fuk il fkar iżda minn fuk il-lordi; u ŭiegħed li b'dana is-sistema għandu joħlok għoxrin miljun lira sterlina bla ma ijgħabbi bihom lil fkar. Dana jfisser ċar għala il-lordi xegħlu tant bl-icreħ contra il-Llberali u ma riedux ijgħaddu il Bilanċ ta' Lloyd George. Mela il għerra elettorali li kiegħda tħaġġeġ b'killa tant cbira fl-Inghilterra ma hix biss taktigħa politica iżda hi actarx għerra bejn fkar u għonja u għalhecc nitma li il Liberali jirbħu ħalli fl-Inghilterra it-taxxi jħallsuhom daŭc li għandhom ħafna u daŭc li jakilgħu ħafna, u li b'hecc il fkir jinħoloklu ix-xogħol. Lloyd George. li minn procuratur legali f'raħal ċchejchen chellu ħila jasal f'dana il għoli collu, ħakku cull tifħir talli sejjer jicser fl-Inghilterra il madmad ta'l għonja u ta'n-nobbli: *The Lords or the People,*

**F'Marsilja**, ġara delitt tant icreħ li jŭaħħax lil cull min jakrah. Certu Alessju Bouvier, neguzjant ta'l imbit, għad li chien għadu ta' erbgħin sena, faddal xi ħabbtejn ġmielu li bihom chien kiegħed ijgħix tajjeb ma' martu u ma' uliedu. Iżda chien irgħib u xħieħ ŭisk u għal cull sold li chien jintefak f'id-dar chien dejjem jagħmel ix-xenati u jgħemgħem b'is-sħiħ. Dan l-aħħar ommu marret timla l-imbit m'il cantina u ixxerdilha xi ftit. Alessju meta intebaħ m'hux biss ċanfarha u ħadha magħha bl-icreħ seŭŭa iżda midd idejh fukha ucoll. Ma' tul il ġurnata baka imħaŭŭad u b'il buli u meta daħal id-dar chemm chemm chellem lil martu li chienet kiegħda isfel trakka il ħŭejjeġ ta't-tfal u tala biex jorkod. Ommu chienet dieħla f'is-sodda ucoll u għalhecc malli raha raġa beda jitleŭŭem magħha fuk l-imbit li xerrdet u saħan tant li kabad mus ta'l-leħja u ħanxrilha għonkha bih. Malli raha inxteħtet minn tulha imgħargħra f'id-demm tah bħal ferħ ta' genn, kabad f'idu l-oħra revolver u daħal jiġri f'il camra ta's-sodda fejn chien ħemm ġa riekdin iż-żeŭġ bniet tiegħu il cbar, ŭaħda ta' disgħa u l-oħra ta' ħames snin. Il ŭaħda sparalha b'ir-revolver u l-oħra katilha b'il mus ta'l-leħja. Minn hemm tala jiġri fuk, f'camra oħra fejn chien hemm riekdin żeŭġ uliedu subien żgħar, ŭieħed ta' ħamsa u l-ieħor ta' sitt snin u katilhom ucoll. Il mara meta semgħet fuk dac l-għajjat u giri, telgħet tiġri biex tara x'ġara. Chif iffaċċat f'il camra tilmaħ lil żeŭġha mitluf u b'għajnejh imberrka li gibed fukha żeŭġ tiri ta' revolver u middha mejjta minn tulha. Meta ra li kered lil cullħadd spara għalih in-nifsu u ŭaka mejjet minn tulu ma' genb martu. F'il għodu il-lavranti stagħġbu meta raŭ il ħanut għadu magħluk billi Alessju chien dejjem ijħabrec biex jiftaħ cmieni u marru fittxeŭh biex jaraŭ xi ġralu. Sabu id-dar magħluka, ħabbtu iżda ħadd ma fetaħ. Il pulizija scassat u sabet dic it-tragedja li tchexchex collha.

Dana il fatt ijgħallimna żeŭġ ħŭejjeġ: li katt ma għandna incunu xħaħ; u li dejjem għandna inżommu chemm nistgħu ir-riedni ta'n-nervi tagħna, għaliex chif rajtu minn ħaġa ta' xejn, minn tixrid ta' ftit soldi imbit, nibtet dina it-tragedja collha li bakgħu vittimi fiha erba t'itfal ucoll.

**Delitt ieħor icreħ** u li jchexchex ġara ucoll fi Franza, f'il campanja ta' Yonne. Certu gabillott li chien jismu Verrieres chien ijgħix ma' martu u ma' erba t-itfal żgħar, billi ma chellux actar minn erbgħin sena; u chien maħbub ŭisk minn nies ta'r-raħal collu billi chien kalbu tajjba u ħanina ma' cullħadd. Dana chellu impjegati miegħu żeŭġ żgħażaħ biex jinducraŭlu il bakar meta jmorru jirgħaŭ u billi chellhom x'ijgħidu xi ħaġa ma' Verrieres bagħathom Daŭna ŭaħħlu f'rashom li m'hux biss għandhom joktlu lilu u lil cull minn chien hemm f'id-dar iżda ucoll li jisirkuh billi chellhom f'moħħom li chien għani ŭisk. U hecc għamlu. Billi bakgħu dejjem ħbieb miegħu, għad li chienu kiegħdin ijbejjtuh f'kalbhom, marru għandu u kalulu li f'il makjel chellu bakra magħdura seŭŭa u talbuh biex ijmur jaraha ħalli jagħmlilha xi ħaġa għal gid. Dac il bniedem tŭajjeb emminhom u mar; iżda chif ibbaxxa biex jara xi ġralha ŭieħed minn daŭc iż-żeŭġ klub ta' tigri sparalu tir f'għonku u ħallieh mejjet. Ŭara ftit ŭaslet il mara biex tara hi ucoll xi ġralha il bakra; u żeŭġ tiri ta' revolver meddeŭ mejjta lilha ucoll. Il kaddejja chienu kiegħdin f'camra jisħnu ma' genb in-nar. Daŭc iż-żeŭġ kattiela daħ-

lu ħdejhom u kalulhom li ħarbet bakra u li Verrieres bagħat għalihom biex ijgħinuh jakbadha. Daŭc emmnu u marru; iżda il mannara u ir-revolver ta' daŭc iż-żeŭġ klub ħorox bagħtuhom malajr id-dinja l-oħra b'laħamhom u xaħamhom. F'il bitħa sabu kaddejj ieħor u katluh b'il mannara ucoll. Fittxeŭ il kaddejja, sabuha, ħanxrulha għonkha u taŭha bl-istallett f'kalbha u tefgħuha f'il giebja. L'it-tfal ma messeŭhomx u lankas serku xejn bħal ma chellhom ħsieb jagħmlu. Kaddej milli fereŭ u li għalihom chien mejjet tcaxcar sa'l bieb ta barra u beda jgħajjat b'chemm chien bakagħlu ħila, l-ajjut. Il girien geŭ jiġru u iż-żeŭġ kattelin ħarbu ġo'l bosc. Ŭara ħafna tfittix, billi il ferut kal min chienu, arrestaŭhom fi stazzjon ta'l vapur-ta'l-art bogħod m'ir-raħal billi chienu sejjrin jaħirbu. L-id t'Alla laħkithom billi ma riedetx li delitt icreħ u aħrax bħal dan jibka moħbi. Ŭieħed m'il ħatjin stkarr collox chif ġara il fatt.

**Carlu Savald** ŭieħed minn daŭc li jagħmlu mansi il bhejjem feroci, għal ftit ma ħalliex ħajjtu. Ŭakt rappresentazzjoni ŭieħed m'il iljuni għamel għal chelb minn ta' fuk il palc u ried jidħnu bcejjeċ. Savald ma ħalliehx u l-iljun irrabjat għamel għalih. Savald sparalu erba tiri ta' revolver b'il porvli biss u l-iljun ŭakaf. Għalhecc setgħu jakbduh u jagħilkuh ġo'l gaġġa.

**Il famus Delagrange,** dac li tar chemm il darba fl-areoplan dan l-aħħar, b'żiffa rieħ, inkaleb minn għoli cbir kuddiem Bordò u baka mejjet fl-art. Meta ħaduh f'il belt fejn tokgħod ommu, Orleans, dina bchiet bla tarf għaliex kalet li kalbha ilha teħbirha li binha chellu jmut hecc.

**Banchier russu** chif chien fuk vapur-ta'l-art krib Vienna tgħallak. Fuku sabulu mija u għoxrin elf lira sterlina.

**Jaures** hu il cap ta's-soċjalisti franciżi u l-acbar għadu ta'l Cnisja li b'il fors ijrid jekridha minn hemm u għalhecc kiegħed jagħmel cull ma jista biex jasal f'il ħsieb imkarrak tiegħu. Dana l-uliedu ried ijrabbihom ucoll jobogħdu il Cnisja iżda ma irnexxielux għal collox. Bintu ftit ilu rat crucifiss imchisser u imsabbat ma'l art li tant missilha kalbha li gietha il ħajjra li tidħol soru. Tistgħu taħsbu Jaures chif nafar, iżda bintu żammet jebes u għaddiet tagħha, billi għandha is-snin b'iż-żejjed biex tista tagħmel ir-rieda tagħha. Dina hi dakka ta' ħarta cbira għal Jaures għaliex jecc ma għandux ħila jakleb contra il Cnisja lil familja tiegħu stess chif jista katt jakleb lil Franza collha?

**Il Flotta Ingliża,** fl-1906, giet imnakksa ħafna f'il Mediterran bi ħsara cbira għalina. Issa billi l-Aŭstrija kiegħda tarma bl'icreħ u sejjra toħlok port navali famus f'Sebenico, u billi l-Aŭstrija u il Germanja huma ħaġa ŭaħda, l-Ingħilterra ħasbet li tarġa iżżid il flotta tagħha f'il Mediterran biex jecc id-*Dreadnaughts* aŭstriaci jitħajjru joħorġu m'il Adriaticu jcollha biex tilkagħhom. Issa billi għal dina il ħaġa ma hemmx post aħjar minn Malta billi hi krib ħafna ta'l bocca ta'l Adriaticu l-Ingħilterra jcollha iżżomm dejjem ħafna frejgati f'il port tagħna biex għal bżonn ijmorru jilkgħu il frejgati aŭstriaci. Dana jarġa jgib ħafna risk f'pajjisna.

**Il famus Latham,** f'Mourmelon, tala bl-areoplan għal elf metru, actar minn tliet t-elef pied, u b'hecc laħħak l-ogħla għoli li laħku s'issa.

**Fi Stepney,** fl-Inghilterra, sar meeting b'il magħluk, u chien hemm tant folla li miet ŭieħed u bakgħu xi għaxra feruti.

**Bejn ir-Russja u il Ġappun** ŭisk jibżgħu li sejjra titkankal gŭerra oħra.

**Suffragista,** ftit ilu, tefgħet flixcun vojt f'il carrozza ta' Lord Asquith chif chien għaddejj. Suffragista ieħor, da'l ġranet, x'ħin Lloyd George, il Ministru ta'l Finanza, chien kiegħed jagħmel *meeting* tefagħlu flixcun mimli b'il linca li ħabat fuk il mejda fejn chien poġġut dana il Ministru, iżda ma inchiserx. Suffragista oħra daħlet f'cumitat ta'l Liberali u chif chienu aljenati ħarġet flixcun b'ilma isfar u raxxet il manifesti collha li chien hemm. Meta kam ŭieħed m'is-segretarji biex ijżommha tarulu xi katriet minn dac l-ilma isfar f'għajnu li ħarkuhielu u it-tobba kalu li jrid xi żmien biex ijfiek minnha. Is-suffragetta ricbet malajr il *bicycle* li chellha ħdejha u għiebet.

In-nisa f'daŭn l-elezzjonijiet kiegħdin jaħdmu chemm jifilħu. Il *Primrose League,* magħmula collha minn nisa, kiegħda taħdem u titħabat għal l-Unionisti; il-Liberali ucoll għandhom in-nisa li jmorru jħabbtu bieb bieb biex jiddubbaŭ il voti għal partit tagħhom. Dari meta ir-ragel chien ijrid joħroġ candidat martu chienet tokgħod ma' genbu fuk il palc meta jagħmel xi meeting bla ma titchellem, D'id-darba le, in-nisa ucoll kiegħdin jitchellmu u kiegħdin jagħmlu gid cbir għal partit tagħhom. Fost daŭna kiegħda tissemma is-Sinjura Mildamay li jaħsbu li lill żeŭgha sejjra ticsiblu għallankas ħames mitt vot. F'Manchester id-deputat Kenna ŭaka marid. Oħtu ħarget titchellem f'locu u għamlet ħafna meetings u chellha il ħila tŭiegeb għal dac collu li stakseŭha u li kaluha. In-nisa ta'l ħaddiema ucoll għamlu soċjetajiet bejniethom biex jakbżu għal partit tagħhom; u xi nisa oħrajn ħalku corijiet biex kabel jibda il meeting, ħalli jiġbru u jkanklu in-nies, ijcantaŭ canzunetti politici li jinchitbu apposta biex cullħadd jitgħallimhom u jcantahom f'it-torok.

Għalchemm ŭieħed ma jista katt ijfaħħar it-tfiegħ ta'l fliexchen u l-għarucażijiet l-oħra li jagħmlu is-sufragetti, iżda hi ħaġa sabiħa ħafna li ŭieħed jara in-nisa ingliżi jeħdu sehem hecc cbir f'il ħacma ta'l pajjis u biex jakbżu għal żŭiegħom u għal ħuthom. Meta in-nisa tagħna jitkanklu ftit bħalhom u jibdgħu jieħdu sehem f'dac collu li jista jcun ta' gid għal pajjis?

**Lord Lansdowne** ammetta f'meeting li għamel f-Liverpool li il Camra ta'l Lordi għandha bżonn tisseŭŭa għaliex fiha ŭisk.

In-**Navy League** tkanklet biex jinbneŭ actar frejgati ingliżi billi il Germanja da'l ŭakt tilħakha.

**Il Palazz ta's-Sultan ta'l Greċja** kabat bla ma jafu chif ħa in-nar.

**Lloyd George** kal li il Gvern Ingliż sejjer joħrog tliet miljuni liri għal l-Armata, u f'il bilanċ ta's-sena li gejja joħroġ għoxrin miljun oħra bla ma jgħacces b'dan lil poplu.

**Il giugħa** li ħarget saru fl-Ingħilterra xi GHOXRIN ELF MEETING, 87 minnhom għamluhom il Lordi li f'bosta bnadi geŭ insultati għal l-aħħar.

**Il vjaġġatur famus** Shackelton kiegħed jarġa ijħejji ruħu biex jarġa jmur f'il Pol Antarticu b'it-tama kaŭŭija li issa jilħak il Pol seŭŭa billi l-aħħar darba chien baka xi mitt mil l-ura.

# Għa'n - Nisa.

**Ma hemmx ħaġa agħar** għa's-saħħa milli ŭieħed jorkod f'camra b'it-tŭieki magħluka. Hemm min jibża li billi iż-żiffa tidħol fuku jista jieħu rieħ meta jitkalleb. Biex tgaŭdu l-arja ta' barra u ma tieħdux rieħ ħudu biċċa musulina id-daks ta't-tieka u sammruha b'it-taċċi irkak ma'ċ-ċaċċis. B'dana il mod l-arja il ġdida tcun tista tidħol dejjem b'il mod il mod u il ħażina toħroġ, iżda iż-żiffa kaŭŭija ma tcunx tista tidħol fukcom katt. Barra minn dana tiffrancaŭ ħafna m'il facendi għaliex it-trab ma jidħolx u ma tridux tokogħdu tfarfru il ġurnata chemm hi tŭila.

**Jecc tridu tasseŭ** li it-tazzi u ħŭejjeġ oħra ta'l ħgieġ m'hux biss jiġu indaf meta taħsluhom iżda jlekku ucoll agħmlu hecc: ŭara li tcunu naddaftuhom tajjeb laħilħuhom fl-ilma fietel u ŭara fl-ilma chiesaħ li fih tcunu ħallejtu minn kabel ftit lamtu seŭŭa; ħalluhom jixxuttaŭ fuk xugaman u ŭara ogħorkuhom b'biċċa ratba jeŭ jecc ijcun ħgieġ immolat bi xcupilja jebsa; u taraŭ chif il ħgieġ jigi jlekk donnu għadu ħiereġ m'il fabbrica.

**Meta tkaxxru il basal** biex tneħħu ir-rieħa malajr ħudu zocc ta'l crafes u ħocc tajjeb bih fejn tcunu missejtu b'il basal; u taraŭ chif ir rieħa tinten tmurilcom minnufih.

**Jecc f'ix-xitŭa** tħossu il chesħa f'kiegħ riġlejcom aktgħu suletta jeŭ tnejn ta'l *brown paper* u kiegħduha f'kiegħ iż-żarbun u taraŭ chif il chesħa ma tħossuhiex actar.

**Biex meta taħslu** l-incirati jiġucom donnhom ġodda ħallu ftit ħalib jikras seŭŭa u ħalltuh ma' l-ilma li taħsluhom bih.

**Meta tridu tatu** il-lostru il xi biċċa mobbli agħmlu hecc: xarrbu sufa f'il misħun, agħsruha tajjeb u chif tcun għadha sħuna ogħorcu biha il biċċa mobbli chemm tifilħu; ŭara ogħorcu bi ftit crema ta'l mobbli (Furniture cream) li tinxtara lesta minn għand ta'ż-żebgħa jeŭ minn għand l-ispiżżjari; u taraŭ chif dina il biċċa mobbli tigi tlekk donnha ġdida u chif is-sŭaba ma jtebbgħux il-lostru tagħha.

**Meta tridu tnaddfu** il ħgieġ f'temp umdu la taħsluhx bl-ilma għax ma jinxef katt u jibka imtappan; ħudu iżda ftit spirtu ta'x-xgħil u ogħorku tajjeb bih; u taraŭ chif dana malajr jixxuttah billi jivvapura u jgibu jlekk b'mod li jatic pjacir.

**Biex tnaddfu l-avorju** agħmlu hecc: agħsru nofs lumija u chif tcun bla kares billuha f'il melħ fin, ogħorku biha iajjeb l-avorju u ixxuttaŭh u imsħuh malajr għaliex inchella jarġa jittebgħilcom minnufih.

**Meta jcollcom xi ħadd marid** f'is-sodda katt tinseŭ li ŭara li tillixxaŭ il-liżar tajjeb tegħimżuh stirat ma'l mitraħ ta' taħt b'il-labar ingliżi biex ma jagħmilx ticmix u b'hecc ijŭaġġa lil marid u jħabbat lilcom.

**Meta taħmu xi crema** kiegħdu id-dixx li tcun fih t'ieħor acbar u mimli bl-ilma biex il crema ma tigicomx għokod, għokod. Meta tcun nofs sajran la tinseŭx troxxulha ftit zoccor f'il ŭiċċ biex t'iħmar sabiħ.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# IL FAMILJI MALTIN.

*(Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.)*

## Il Commendatur ABELA.

Mar ucoll bħala Segretarju ma'l Ambaxxatur Fra Pietru Gonzales de Mendoza, Priur t'Ibernja, meta dana chien mibgħut għand is-Sultan ta' Spanja Filippu III biex jifraħlu meta tŭieldet l-Infanta Anna, l-eŭŭel mitŭielda tiegħu, bħal ma jgħarraħna il Pozzo. Mar miegħu ucoll f'Ruma, fl-1602, għand il Papa Clement VIII, meta ma chienx għad għandu ħlief għoxrin sena.

Ħaġa li għamlitlu unur cbir ħafna chienet meta fl-1631, irħeŭ f'idejh il Conclavi li sar f'il Palazz ta'l Belt biex sar il Capitlu General li chien id-disa ŭieħed li sar il Belt u issittax il ŭieħed li chien sar f'Malta billi kabel chienu saru oħrajn il Birgu ucoll. F'dana il Conclavi hu ħa sehem bħala Vicicancellier u hu chien li chiteb b'il latin jeŭ b'it-taljan il ħafna ordnijiet li intgħataŭ fih. Għal dana ix-xogħol tiegħu, billi kdieh tajjeb ħafna, il Gran Mastru Lascaris m'hux biss tah il Commenda ta' Lorillon ta'l Priurat ta'l Portugall li tagħha chien ijdaħħal mija u għoxrin *cruċjat* f'is-sena ħielsa; iżda tah, fl-1638, ucoll l-Abbazija ta' San Martin; u xi renti fuk il Commendi ta' Ulgozo u ta' Santaken u tah it-titolu ta'l Commenda Aldearella b'renta tajjba magħha li kabel chien ijdaħħalha Monsinjur Imbroll. Il Gran Mastru De Paula tah l-usufrutt ta' Ŭied Għeržuma.

Ma' dina il ħidma għal l-Ordni ma nesiex jaħdem ucoll għal pajjisu. Chien hu li ħabrec biex sar f'il Belt l-Archivju Pubblicu fl-1640, bħal ma jgħarrafna l-Abate Costanzo f'in-«*Natizie Memorabili*» tiegħu; u dana l-Archivju beda f'is-sala ta' fuk l-Oratorju ta' S. Ġŭann sa chemm ħasbu għal loc aħjar. Tħabat ucoll biex ijŭakkaf Monasteru ta' Sorijiet Teresjani iżda ma laħakx u ŭarajh irnexxielu jŭakkfu Dun Pietru Saliba, malti ieħor ŭisk imfaħħar m'il Conti Ciantar fl-opra tiegħu «*De Beati Pauli Adventu*.»

Chiteb ucoll il «MALTA ILLUSTRATA» li giet stampata haŭn Malta għand Paŭlu Bonacota fl-1647 u li għaliha kala ħafna tifħir billi chienet nistgħu ngħidu l-eŭŭel Storja ta' Malta li inchitbet. Dina l-opra, fl-1725, giet makluba fi lsien latin minn Gio: Antonio Seinero, u imdaħħla f'il volum ħmistax ta't-Tesor ta'l Antichità ta'l Burmanno. Il « Malta Illustrata » ta'l Abela stampata b'it-taljan saret rari ŭisk u saħansitra fi żmien l-Avucat Mifsud, fl-1764, chienet ġa rari ħafna billi f'il « Biblioteca » ħalla mictub: « *oggi non si trovano più esemplari di Malta Illustrata nella lingua italiana; e chi ne possiede qualche corpo, con grandissima gelosia lo custodisce*, » u f'il Biblioteca ta'l Culleġġ Ruman, dina l-opra hi magħduda fost l-actar rari bħal ma chien għarraf lil dana l-Avucat Mifsud il Custodju ta' dina il Biblioteca stess, P. Pietru Lazzeri fl-1750. Il Borcardo Niderstedio ŭara kassarha b'il-latin u stampaha taħt l-isem ta' *Malta Vetus et Nova* u tinsab imdaħħla ucoll f'il ġabra ta'l Burmanno.

Dana ix-xogħol ta'l Abela faħħruh il Canonicu Magri f'il *Hierolexicon*; il Conti Ciantar f'il *B. Paŭli Adventu*; l-Amico f'il *Commentar: in Histor: Sicul: Fazelii et Lexic: Topog;* l-Attardi f'il *Bilancia della Verità;* Roberto di S. Gaspare f'id-*Divus Paulus Apostol: redux;* is-Salelles f'il-*Tribunale del S. Officio;* il Majo fli *Specimen Linguals Punicae in ore Melitensium*; il Cagliola f'id-*Disavventure Marinaresche;* il Lenglet de Tresnoy f'il *Methade pour etudier l'histoire, tom: 8;* il Costanzo f'in-*Notizie Memorabili di Malta*; id-De Dominicis f'il *Malta Religiosa e Benedetta;* ir-Regnaud fl-*Orazione panegirica sul Naufragio di S. Paolo;* ir-Ricci f'il *Verità Vendicata contro il Padre Giorgio, Benedittino, sul Naufragio Paolino*; iż-Żammit fl-*Elogji degli Uomini Illustri Maltesi*; il Patri Pelaġju f'is-*Serie de Scrittori Maltesi;* il Bulison f'il-*Lettere Memorabili* u ħafna oħrajn li biex ma intaŭŭlux ħafna ma ingibhomx.

*(Jissoctaŭ.)*

# Id-Delitt ta'r-Ricasli.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

F'is-seduta ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Jannar, resak il

**Perit PACE**

ta' Ħa'ż-Żabbar, li ressak kuddiem il Korti ir-rapport tiegħu b'żeuġ pjanti ùaħda ta'l foss ta'r-Ricasli u oħra ta'l catacombi fejn sabu il cadavru. Minn daùa ir-rapport nieħdu li il cadavru chien kiegħed mija u għaxar piedi il geùùa m'id-daħla ta'l catacombi li semmejna.

Xehed imbagħad

**ALESS: H. BORG-CARDONA**

li saħħaħ dac li kalu ix-xhieda ta' kablu u ùarajh xehed is-Sotta-Spettur

**EMM: CARDONA**

li tchellem fuk ir-rapport li chien sarlu minn missier il mejjet Saguna meta nakas ibnu. Kal li dan missier Saguna kallu li Ġużeppi chien liebes is-sarġ u li f'sakajh chellu il kork, f'rasu *fore and aft*; ċoff aħmar, għonk abjad u chien b'iċ-cinghi. Is-Sur Cardona kal li ittelefona f'il corpijiet ta'l għassa iżda li ma ħa l-ebda aħbar tajjba. Seguna kallu li il Ġużeppi raùħ ma' żeùġ tfal oħra ùara il Capuċċini fuk ir-rieħ ta'l Calcara. Daùn iż-żeùġ tfal kallu li chienu ijgħidulhom ùieħed *Ta'l Prim* u l-ieħor *Ta'l Kroċċa*. Dic il-lejla stess is-Sur Cardona bagħat għal *Ta'l Prim*, u li jismu Paùlu Vella. Dan Paùlu Vella u Ġanni Camilleri (*Ta'l Kroċċa*) kalu li ùara li ħarġu m'il Cnisja ta'l Capuċċini gibdu għat-triek ta' Ħa'ż Żabbar, u li Saguna u il *Fakka* (Frangisc Farruġia, l-imputat) gibdu lejn in-niżla ta'l Calcara li tgħaddi minn ùara il Cunvent. Meta lil Saguna kalulu jecc ijmurx ir-raħal magħhom ùiegibhom li le u baka sejjer ma' l-ieħor. Il Cnisja chienu marru biex jiddubbaù katta żebbuġ billi chien Ħadd il Palm.

Kalu biss li *minn għalihom li chien il Fakka* għaliex meta sejjħulu ma daùùarx ùiċċu ħlief ftit u għalhecc ma għarfuħx seùùa. Is-Sur Cardona imbagħad sejjaħ lil Farrugia u meta staksieh nhar Ħadd il Palm f'il għodu fejn chien u jecc dic inhar rax lil Saguna, ùiegeb li rah il Capuċċini u li ùara hu mar għal affari tiegħu jieħu cafè id-dar f'il ħin li ħalla lil Saguna hemm. Bagħat għalieh drabijiet oħra biex jistħarrġu iżda dejjem ùiegeb l-istess ħaġa. L-Ispettur Busuttil sejjaħlu u staksieh ucoll u Farrugia ùiegeb dejjem bħal kabel. Il Pulizija fittxet chemm setgħet biex ticxef xi ħaġa u issib lil Saguna iżda għad li għamlet cull ma setgħet ma irnexxielha takbad tarf ta' xejn.

**L-Ispettur A. BORG**

kal li il Magistrat Fiteni bagħat ijsejjaħ lil xi ħadd ta'l Pulizija u li daħal hu; u li il Magistrat kallu li hemm Farrugia u li katel tifel, u li kallu ucoll li ma jafx jecc hux miġnun jeù le. Dan l-Ispettur staksa lil Farrugia x'chien jismu it-tifel u x'għamel u Farrugia ùiegbu li katel l'it-tifel ta' zitu u li chien jismu Ġużeppi. Kallu li katlu f'Ùied Għammiek u li għadu hemm. Kallu biex ijmur miegħu u m'as-Sur Lapira f'il-loc u hu ùiegeb iva. Staksih chif katlu u ùiegeb li b'id-dakkiet ta' siek u li ùera chif. Ħa carrozzin u b'Farrugia miegħu mar Ùied Għam niek u daħlu fejn kallhom Farrugia stess, u fejn sab il catavru li chien kallhom bih, xi sittin pass il geùùa; u ħdejh il kork u bcejjeċ ta'ċ-cinghi.

Ordnajt li jibkgħu żeùġ pulizjotti għassa u li xejn ma għandu jimtess minn locu kabel ma jigi il Magistrat biex jagħmel l-access.

(*Jissocta.*)

# TLAKKIT.

**Il famusa attrici franciża Sara Bernhardt** tgħarrafna li darba meta chienet kiegħda tirrecita fl-America ħolmot li binha, li chien jinsab f'Parigi, giè migdum minn chelb irrabbjat. Stembħet imchexcxa b'il biża u għamlet minnufih telegramma biex tara jecc hemmx xi ħaġa minnha minn dic il ħolma cherha li ħolmot; u bakgħet mixruba fiha infisha meta irceviet telegramm li għarrafha li m'hux biss dac li ħolmot ġara tasseù iżda li ġara f'il ħin li chienet kiegħda toħlom hi. Biss billi il għidma ma laħketx sa'l laħam, għa'x chien liebes seùùa, ma għamlitlux ħsara cbira. Dana krajnieh fl-*Annals*.

**Marija Stùarda,** Regina ta'l Inghilterra, f'il balli chienet tilbes cuda ta' 60 pied; u ir-Regina Elisabetta, ta'l Aùstrija, mart Carlu Disgħa, chienet iġgib cuda ta' sittin pied ucoll.

**Il miljunarju Walter Christie** għamel aùtomobili li gera mil f'sebgħa u ħamsin seconda u jitma li għad ijùasslu li jcun jista jiġri mitejn chilometru (xi minn haùn għal Catanja) f'siegħa biss. Ma jgħaddix mela żmien tùil li biex tmur minn Napli għal Ruma tara ħabib tcun tista tagħmlu daks li chiecu m'il Belt tagħna tmur sa'l Imdina.

**Miet f'Desmains**, fl-Jowa, fl-America, il *fireman* li chellu Stephenson, fuk l-eùùel vapur-ta'l-art li sar u li chien jismu Edward Entwistle li allura chellu sittax il sena, u miet ta' mitt sena. Mela l-eùùel vapur-ta'l-art li mexa, u li gera bejn Manchester u Liverpool, ilu xi sitta u tmienin sena.

**Fi Franza** deher calcolu uffiċjali ta'l cummerċ ta'd-dinja flaħħar disa snin. Minn dana naraù li għad li l-Inghilterra għadha hi kuddiem cullħadd iżda ma hix hi, imma il Germanja, li kiegħda timxi l-iżjed. Il cummerċ ta'l Inghilterra, f'dana iż-żmien li semmejna, żdied biss it-terz talli chien kabel, iżda dac ta'l Germanja irdoppja ruħu billi minn disa t'elef miljuni ta' franchi ùaslet dsatax il elf miljun, u għalhecc meta tcabbar b'għaxar t-elef miljun oħra il cummerċ tagħha tcun laħket lil Inghilterra li tùassal disgħa u għoxrin elf miljun, bla ma ingħoddu ma' dana il cummerċ li għamlet l-Indja. Franza bakgħet l-ura ħafna billi minn tmien t-elef miljuni ùaslet biss ħdax il elf u għalhecc lankas cabbret in-nofs ta'l cummerċ tagħha. L-Istati Uniti irduppjaùh billi minn tmien t-elef miljuni laħħku ma's-sbatax l-elf miljun. L-Italja miexja ucoll ħafna f'il cummerċ tagħha billi minn elfejn miljun laħħket ma'l ħames t-elef, u il Ġappun miexi b'ir-rieħ f'il kala sabiħ ferm billi cabbar għal erba darbiet il cummerċ tiegħu: minn sitt mitt miljun laħħak elfejn u nofs. Mela minn dan il calculu naraù li l-actar cummerċ li mexa b'il mod, għad li cbir ħafna hu dac ta'l Inghilterra u dana in-nukkas ta'l cummerċ ingliż ijfehimna għala chiber il cummerċ ta'l Germanja bħal ma jfehmna ucoll għala bejn l-Inghilterra u il Germanja hemm dejjem il għirringhirr.

**F'il Germanja** bdeù miexjin lampi ta'l elettricità b'fili ta' metall li jsejjħulu tungstenju, u li jatu daùl ta' mitejn xemgħa, kaùùa li kabel ma chienitx tista tasal ħlief b'il-lampi ad arco bħal daùc li jatu daùl abjad li hemm f'il Pjazza ta'l Belt u f'xi postijiet oħra.

**Il Monsinjur** taljan Cerebotani xi għaxar snin ilu chien ivvinta macna li biha meta chien jicteb f'post l-istess chitba tista issir, imkar ħafna mili bogħod band-oħra u għalhecc f'it-telegrafu f'loc li jibkgħu jictbu b'daùc il ħafna punti u linji jcunu jistgħu jictbu bl-ittri m'il eùùel. Issa sab invenzjoni oħra

ŭisk actar sabiħa minn din li semmejna: ivvinta macna li biha ŭieħed jista jħaddem macna oħra, imkar tcun mitt mil bogħod bla fili ta' xejn. Per esempju ŭieħed bla communicazzjoni ta' xejn ħlief ta'l elettricità jista biha jŭakka grillu ta' bomba imkar tcun mitt mil bogħod jeŭ jispara fulmnella bla ma jista joktol il min jisparaha. Dina l-invenzjoni tant meħtieġa xegħlet id-dinja collha u f'Monacu, fejn jokgħod, ŭasslulu eluf ta' telegrammi biex jifirħulu m'is-Slaten u il għorrief ta'd-dinja collha. U imbagħad ijgħidu li il kassisin ma jisieŭ għal xejn!

**Fl-Asia,** f'ŭieħed m'il pajjisi l-actar il fuk ta'l America meta jridu jcollhom daŭl u sħana jkaddu ħut li jinsab fl-ibħra ta' daŭc l-artijiet, ijŭaħħlu denb ħuta minn daŭna f'xakk ta' mejda u jixilgħuha minn imnieħirha. Dina tati daŭl kaŭŭi daks tliet xemgħat f'dakka u iddum tixgħel għal tliet siegħat sħaħ.

**Il Gran Duchissa Elisabetta ta'r-Russja,** li tigi l-armla ta'l Gran Duca Serġju u oħt il Cżarina ŭara il meŭt ta' żeŭġha bniet cunvent ta' sorijiet u hi saret l-abatissa tagħhom. Daŭna is-sorijiet huma liebsin l-abjad minn fuk s'isfel.

**Jecc ix-xibbca ta's-sajd** tcun miżbuha caħla m'il-leŭn il baħar jinkabad biha actar ħut. Dana ippruvaŭh ma ilhomx billi fost ħamsa u sittin dgħajjsa ta's-sajd l-actar li kabdet ħut chienet dic li it-tartarun u il lenez tagħha chienu miżbugħin m'il leŭn il baħar.

**F'il Germanja** kiegħdin jagħmlu iz-zoccor m'iċ-ċraret kodma. Daŭna bl-acidu solforicu l-eŭŭel jagħmluhom dextrina u dina imbagħad jerġgħu jbiddluha fi glucosju li minnu jieħdu zoccor tajjeb ħafna.

## CRONOLOGIJA TA' MALTA.

JANNAR.

17—1824. Miet il Gvernatur Maitland.
18—1741. Laħak Gran Mastru Pinto.
19—1789. Tgħeżżiża ta' terremot.
20—1588. Laħak Cardinal il Gran Mastru Verdala.
21—1773. Tbierchet il Parroċċa ta'l Furjana.
22—1521. Laħak Gran Mastru Villiers de Lisleadam f'Rodi.
23—1803. Ittra ta'Lord Hawkesbury lil Sir John Warren Ambaxxatur Ingliż f'San Pietroburgu, biex jarġa jitŭakkaf il Cunsill Nazzjonali f'Malta.

## FLOC IL POSTA.

*Irrid ingħarraf li daŭna l-imsieħba li sejjer insemmi li għad li ħarġu minn fejn chienu u ma avzaŭnix fejn marru jokogħdu biex nista incompli nibagħtilhom il gazzetta; l-abbonament tagħhom għadu għaddejj u għalhecc nitlobhom li jgħarrfuni fejn hu l-indirizz il ġdid ħalli nibagħtilhom in-«Nahla» u in-numri li jonksuhom. Sejjer infaccarhom ucoll x'għandhom jatu biex ijħallsu m'il actar fis ħalli ma jcollix contra kalbi inŭassalhom il Korti għal ħaġa żgħira :*

*1.* **Giuseppe Testa,** *li chien jokgħod 13 Sda. Stretta, il Furjana għandu jħallas m'il bidu, ta' sena u nofs.*

*2.* **R. Vidal,** *li chien Sda. Stretta, 38, il Belt, ta' sena u nofs.*

*3.* **Gius: Camilleri** *li chien Sda. Sant' Ursola, 53 il Belt u f'il «Hotel de Paris,» ta' ħmistax il xahar.*

*4.* **Daniele Camilleri,** *li chien Sda. Forni ma's-Sur Pariente, ta' sena u nofs.* *(Jissoctaŭ.*

## IS-SAHHAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Patri Damjan fihem lil Rużanna li chellha bżonn takbeż kabża hi ħalli tbiddel il ħŭejjeġ li chellha fukha Carmena u biex tatiha dakka ta' id seŭŭa hi.

Rużanna kaltlu li da'l ŭakt tcun hemm għaliex issa rat li oħtha ma chienitx ħlief imkarrka, u Marija telgħet tilbes ucoll biex tmur magħha.

F'chemm ilna ingħidu libsu bla ma dafru, chebbu sorra ħŭejjeġ minn ta' Carmena u, imŭennsa minn Patri Damjan, marru għand is-Sur Kalamias ŭara li ŭiddbu lil kaddejja li jecc jigi Ambroġ ma ittarraflu b'xejn u tgħidlu biss li marru jisimgħu kuddiesa għal ruħ il Ħachem.

Meta ŭaslu Rużanna u Marija fejn Carmena dina, billi ħadet għamża, ma chienetx mitlufa u għalhecc tgħannku u tbeŭŭsu chemm felħu, u meta Carmena ħabtet sejjra tfissrilhom xi ħaġa kalulha minnufih li huma chienu jafu b'collox u li raŭ li hi ma chellha l-ebda ħtija. B'il għajnuna ta'l kaddejja libbsuha collox nadif, sabbruha m'il aħjar li setgħu u sguraŭha li Ambroġ meta jifhem il biċċa chif ġrat ma jibkax sħun għaliha iżjed.

Rużanna, biex tnakksilha it-tfettit ta' kalb, kaltilha li Patri Damjan chellu jicteb lill Papa, li chien tant ijħobbu, biex ijħoll lil De Saqueville m'il ŭiegħda ta' Cavalier, ijżeŭŭġuhom u jisseŭŭa collox. Carmena ċakilket rasha imniccta u kalet b'leħen micsur :—

—« Nizżeŭŭġu ! ?... f'il kabar !... nagħli biss għalicom li tant għallejtcom... u... u... għal min actarx... jibka ŭrajja » u infexxet tolfok.

—« Carmena la tcunx belgħa...» kabżet kaltilha minnufih Rużanna « neħħi daŭn il ħafna ħsiebijiet minn moħħoc... haŭn aħna għalic... f'collox .. »

Marija milet xuftejha fuk ġbinha u biechitha b'id-dmugħ f'għajnejha.

Hamid u is-Sur Kalamias chienu kiegħdin ijħarsu lejhom m'il camra l-oħra b'għajnejhom ijdemmgħu ucoll.

Patri Damjan, meta raha dac il ftit f'sichitha, ma riedx jitlef żmien u jħalliha tarġa tintilef tħeŭden, resak ħelu, ħelu ħdejn rasha, talab li jħalluh ftit ŭaħdu magħha u giegħel il Carmena tistkarr dnubha miegħu biex jatiha il maħfra t'Alla.

Ŭara li sabbarha b'il chelma għarfa u mħarrġa tiegħu, ŭiegħidha li għandu jmur ta' sicŭit jaraha u telak lejn il Cunvent b'kalbu magħsura.

F'it-triek berrinlu li jarġa jara jecc Ambroġ giex, u, balleċ, inzertaha għaliex chien għadu chif daħal. Ambroġ lakgħu b'il kima collha billi chien ijħobbu u jgibu ŭisk. Patri Damjan gibdu f'camra minn driegħu u staksieh jecc chellux xi aħbar fuk fejn chienet tinsab oħtu Carmena.

—« Xejn » ŭiegħbu Ambroġ b'ŭiċċu imkarras, « għad li ma inżilniex minn fuk iż-żiemel u dorna Malta collha tokba, b'tokba, ma irnexxielniex s'issa li nicxfu fejn marru inħbeŭ daŭc iż-żeŭġ misħuta... iżda fl-aħħar... jiġu taħt idejja... u nurihom snieni...» u f'il ħin li kal hecc ta dakka b'riġlu chemm felaħ fl-art u ghiddem sebgħu.

—« Ambroġ » kallu b'il ħleŭŭa Patri Damjan f'il ħin li kagħad b'il kiegħda, « okgħod ftit ħdejja u ismagħni... int taf b'iż-żejjed li jien inħobboc bħal ibni... jien... minn ġo'l Cunvent naf b'collox .. »

—« Taf b'collox ? !... tasseŭ ? !... » staksieh mibluħ Ambroġ.

—« Iva naf b'collox... sa l-ankas ħaġa » ŭiegħbu Patri Damjan b'il fjacca collha « naf chif geŭ imkarrkin Carmena u

Hamid... naf fejn stahba il Cavalier ũara li telak l-ohtoc gha'x ũasal fejn ried... naf issa fejn hi l-imsejcna ohtoc f'xifer il kabar.. »

Ambroġ meta sama dan il cliem, inxtehet fuk ircopptu kuddiem Patri Damjan, rabat subghajh ġo xulxin b'turija li xtak hniena, u b'ghajnejh merfugha lejh kallu :—

—«Patri Damjan inti taf li jiena inghożżoc daks ũiehed minn demmi. Jecc dac li ghedtli hu minnu nebbahni fejn jinsab dac il mishut Cavalier halli infittex nithallas minnu.»

—« Le, ibni » ũieġbu Patri Damjan x'hin kieghidlu idu fuk spalltu, « dac Alla li jien kaddej tieghu ma jridx dan... iżda haġ'ohra. Dac Alla li cull hin jahfrilna il htijiet taghna ijrid li ahna ucoll naghmlu bhalu... isma mela, ibni, it-tũiddiba tieghi u ahfrilhom...»

—« Min ?... jien ?... katt sa'l meũt... » kal Ambroġ x'hin kam b'il ũiekfa. « Min ?... jien nahfer lil dac il bniedem chiefer u karrieki li tebbaghli ismi, li keridli il missieri, li serakli il mahbuba tieghi, u li ũara, chif ghidtli, casbar gieh ohti rmiha bhal biċċa lumija maghsura, ũara jumejn ?! Le ma jista jcun katt dan... lankas jecc naf li nitlef ruhi... le... katt... anzi nitolboc b'il hniena li tghidli fejn hu mistohbi... halli immur incarcru barra minn xaghru... halli ingibu haũn f'nofs is-Sakkajja... halli ninfidlu b'din ix-xabla dac is-salib abjad li bla ma jisthokklu jgib fuk kalbu... halli nurih li jien malti.... u li ġo gismi jiġri id-demm ta' Falzun... ghidli mela... nitolboc b'hilti collha...» u raġa inxtehet gha'r-rcopptejh f'riġlejh.

—« Meta ittaffi ftit dina it-telfa cherha li ghandec fukec » kallu Patri Damjan b'il hleũũa collha « nissocta infehmec...»

—« Patri, aghdirni jecc kieghed nonkos kuddiemec » kallu Ambroġ ftit actar kiebi, « iżda jidhirlec int li dakka ta' harta cherha bhal din ghandi inhalliha ghaddejja ma'r-rieh ? x'ijghidu in-nies ghalija ?... li jien tifel... li jien bla kalb... li jien bla gieh... li dina ix-xabla f'kaddi inżommha biss biex nilghab biha... u li ma ghandix il hila nithallas biha lankas meta jtebbghuli ismi, lankas meta jcasbruli gieh ohti, lankas meta jisirkuli il mahbuba tieghi... »

—« Dana tilhak tahsbu b'il qũiet, Ambroġ » kallu Patri Damjan « la tghaddilec dina il chedda cherha li ghandec fukec. Issa hemm bżonn li nitchellmu fuk haġa li actar tmissna f'il krib... ismaghni seũũa... Carmena hażin... karartha... sejjer nahseb biex inkarbinha... Alla hafrilha ġa... talbitni li tixtiek tarac biex tfehmec li chienet imkarrka... tixtiek il mahfra tieghec kabel ma tmut... Isma minni Ambroġ... jiena naf li int ghandec kalb t'anġlu... la iċċahhadhiex minn dina l-ahhar xeũka... fuk xifer il kabar... »

—« Patri Damjan » ũieġbu imhanfes u imdarras Ambroġ « illum sejjer iġġieghilni nonksoc... sejjer nitlak u inhallic ũahdec... Jidhirlec int li jiena ragel ta'x-xama ?... li cullhadd jaghmel rajh... u jien ghandi nokghod nahfer ?... Ghala ma beżghitx ghal giehha, ghal isimna, ghal missierna li chien ijhobbha daks il mimmi ta' ghajnejh, ghalija li dic inhar stess, ftit hin kabel, cont kieghed nifthilha ghajnejha u nũiddibha min chien dac il fahxi Cavalier u ghala chien kieghed ijsefsfilha ġo mohhha li jrid jiżżeũũiġha ? ghala ma chienetx mara u beżghet ghaliha infisha, ghallankas ?... Le,... le,... nitolboc li ma issemmilix lankas biss isimha ghaliex tkallibli demmi minn fuk s'isfel. Tghidlix li dic ohti... tfaccarnix li ghandi ohti hecc... imsejcna. Nithaddtu fuk xi haġ'ohra nitolboc... »

(*Jissocta*).

**Daũc collha, imsiehbin jeũ le, li jibghatuli b'sold bolli ta' Malta nibghatilhom, bla hlas ta' xejn, nofs tużżana numri differenti ta'n-« Nahla » bhala reclam. Min imbaghad jibghatli sitt soldi, flus jeũ bolli ta' Malta, u il hlas ta'l posta jecc hemm bżonn, nibghatlu ghal tliet xhur shah, bhala prova, in-« Nahla. » Jecc ũara it-tliet xhur ma jcunx ijrid jibka imsieheb jista jitlak billi javżani b'il mictub; jecc ijcun ijrid jibka imsieheb ũara daũna it-tliet xhur ta'l prova jcun ijrid ijhallas l-istess bhal l-imsiehbin l-ohra. Min chien imsieheb ġa f'in-« Nahla » u ma ghadux ma jistax jiehu daũna it-tliet xhur ta'l prova billi dana ghamiltu biss biex nuri chemm fiha taghlim sabih u ta' gid ghal poplu in-« Nahla » tieghi.**

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infethet Scola ġdida ta't-tifsil gha'r-rġiel u gha'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitghallem ijmur ghand il Prof: Vincenzo Grech li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal hafna. Il hinijiet huma m'it-8 ta' f'il ghodu sa't-8 ta' f'il ghaxija. Jbiegh ucoll mudelli ghal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irhas.

F'il Bazaar ta' Lorenzu Cauchi, 45, Strada San Marco, il Belt jimbighu cull xorta ta' bizzilli, żagarelli, xifò, calzetti, inforor u hũejjeġ ohra m'il ahjar bi prezzijiet irhas ferm.

Min ijrid ijcollu fuku libsa mehjuta suret-in-nies, bi drappijet m'il ahjar u bi prezz moderat ghandu jmur ghand Censu Zammit ta Strada Rjali 227, il Belt, u johroġ cuntent sgur.

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tieghu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Rahal Ġdid u ghalhecc issa jokghod seũũa seũ kuddiem il ghajn. Cull min ijfittxu ghal kliegh jeũ gha'x-xoghol ta's-snien barranin, li ghalihom hu tant imfahhar, ijsibu ũara nofs inhar dejjem id-dar.



Min hu marid bl-Anemija (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'ghoxrin ġurnata jiehu

**L'ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ũara ghaxar snin ugiegh ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun ghaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stes jeũ fuk xi hadd iehor u harġu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O: Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigh fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI !

Meta thossoc ghajjien, kalbec seũda, nifsec maktugh, bla rkad u bla aptit, tishon ghal xejn; meta tara collox icreh, cullhadd jobogħdoc, collox imghaũũeġ f'il hajja u tibchi jeũ tidhak ghal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjhulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseũ hemm medicina li tista tfejjakha jeũ li taghmillec hafna gid hi

# L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbah opra fuk dina il marda, u li giet imfahhra hafna m'il ahjar tobba ta'l Italja. Timbiegh fi fliexchen ghand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

Ippruvauha! gid tista taghmel biss.

Min jixtiek ijcollu xogħol ta' INCISJONI eżatt u bi irħis ijmur għand l-Argentier u Arluġġar TONI SCHEMBRI ta' Strada Santa Lucia, 139, il Belt u jara chif ijcun mokdi seŭŭa chif jixtiek.

Min ijrid jixtri torchju ta'l istampa tajjeb ħafna u bi ftit flus; bħal ma minn ijrid jixtri linca seŭda ta'l istampa bi rħis jicteb Ta's-Sliema, Sda. San Vincenzo 12.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak=ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh=din l=Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju=mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

**Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI**

TA'

**STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,**

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj=jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

**Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'**

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




**C. CAMILLERI & SONS**




**50 STR. MERCANTI IL BELT**

CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**